BIRKIRKARA

Minuti tas-Sitta u ghoxrin laqgha tas-Seba Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Erbgha 21 ta' Jannar 2015 fis 6.30pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| | Is-Sur Kaylocke Buhagiar (Skuzat) |
| | Is-Sur Liam Gauci |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenti) |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Herbert Conti |
| | Is-Sur John Mizzi |
| | Is-Sinjura Marie Claire Zammit |
| | Is-Sur John Borg |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb |

**<u>L-Ufficjal:</u>**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, l-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is- Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sinjura Marie Claire Zammit, u s-Sur John Borg, s-Sur John Mizzi u s-Sur Mark Abdilla. Dott. Josianne Cardona Gatt kienet assenti waqt li s-Sur Kaylocke Buhagiar kien skuzat. Minn naha tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys kien hemm il–presenza ta' Dott. Francesca Zarb filwaqt li mil-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar kien hemm is-Sinjur Matthew Mangion. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-publiku. Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Ma kienx hemm korezzjonijiet.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti bin-numru 25

3.1 Il-minuti tal-hamsa u ghoxrin laqgha kienu tqassmu mal-agenda w ttiehdu bhala moqrija. Il-minuti gew approvati mill-Kunsilliera prezenti li vvutaw favur, dawn kienu:- s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is- Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur John Mizzi, is-Sur Mark Abdilla u s-Sur John Borg. Il-minuti tal-laqgha 25 gew approvati mill-membri kollha prezenti u sekondati mis–Sur Anthony Buttigieg.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u Affarijiet li jirrizultaw mill-minuti numru 25.

4.1 Is-Sur Anthony Buttigieg qal li rigward 4.1 hu u s-Sur jimmy Calleja kienu ltaqghu mas-Sinjorina Marthese Ebejer kif kienet talbet li jsir is-Sindku. Is-Sinjorina Ebejer qalet li hi kienet ghad baqala tiehu hlas ta' €1,100 bhala bilanc ghas-servizz li offrit meta kienet qed tissorvelja il-

kamra tal-kompjuters. Is-Sur Anthony Buttigieg staqsa jekk dan il-ftheim mas-Sindku precidenti kienx sar bil-miktub. Hija wiegbet fin-negattiv. Hija ziedet tghid li dan kien sar b' '*gentleman's agreement'* bil-kliem fil-presenza tas-Sur Charles Grech. Hija kienet thallset is-somma ta' €100 u €100 ohra li ghalihom kienet saret ircevuta. Wara, saru tlett pagamenti ohra ta' €100,€200 u €200, €500 b'kollox bla ircevuti. Is-Sur Anthony Buttigieg wieghed lis-Sinjorina Ebejer li dan li kienet qed tghidlu kien sejjer jittella kunsill. Hu zied jghid li sa fejn jiftakar hu din il-kwistjoni qatt ma telghet kunsill u ghalhekk ma' tinsabx fl-ebda minuti. Kif dawn il-flus thallsu u ma kienx jaf. Is-Sindku staqsiet lis-Sur Michael Fenech Adami biex jaghti spjegazzjoni. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li fil-minuti precidenti hemm imnizzel li hu kellu jigi mistieden biex ikun prezenti meta s-Sur Anthony Buttigieg u s-Sur Jimmy Calleja kellhom jiltaqghu mas-Sinjorina Ebejer. Hu zied jghid li hadd ma kien infurmah biex jattendi ghal din il-laqgha. Madankollu hu kien lest li jiltaqgha maghha. Is-Sur Anthony Buttigieg qal li ghal din il-laqgha ghandu jkun prezenti ukoll is-Sur Charles Grech.

4.2 Rigward numru 8.3 is-Sur John Borg qal li r-residenti tal-Laqxija kienu regghu avvicinawh biex jsiru xi hwat bil-pjanti minhabba l-parkegg li qed isir quddiem il-bibien taghhom. Is-Sindku wiegbet li l-Gvern kien ghazel lil-Birkirkara bhala wahda mill-lokalitajiet li kienu sejrin jinghataw is-somma ta' €30,000 biex isir tisbieh bi pjanti u sigar fil-lokalita. Hi ziedet tghid li l-ghada ta' din il-laqgha, hi kellha laqgha mal-ministeru biex dan jispjega kif kienet sejra tahdem din l-iskema. Meta tibda tithaddem din l-iskema ghandhom jsiru dawn il-pjanti fil-Laqxija kif gie mitlub. Huwa staqsa wkoll dwar *il-barriers* li jinsabu vicin il-mithna. Is-segretarju spejga li dawn ghandhom jinqalghu fil-granet li gejjin. Is-Sindku spjegat li l-barriers il-godda kienu qed isiru mill-haddiema tal-kunsill stess biex hekk jigu ffrankati l-ispejjes.

4.3 Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa jekk numru 8.5 kienx rigward il-progett tas-Sisla. Is-Sindku wiegbet li dan kien minnu. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li hu, kif ukoll eks-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar, is-Sinjura Mary Rose Mifsud, ic-Chairperson prezenti ta' dan l-istess kumitat, is-Sur Matthew Mangion, kif ukoll il-kappillan tas-Swatar kienu prezenti ghal-bord tal-MEPA. Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa ghalfejn hadd mill-kunsill ma kien prezenti ghal dan il-bord ghax sa fejn jaf hu il-kunsill kien ghamel *objection* ghal dan il-progett. Is-sindku wiegbet li l-kunsill ma kienx ghamel l-ebda *objection*. Hija ziedet tghid li wara li saret ricerka, l-art in kwistjoni kienet inghatat ghall-bini fit-2007. Is-sindku talbet lis Sur Owen Patrick Attard, membru tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar jispjega rigward dan, peress li hu kien involut f'din ir-ricerka. Is-Sur Owen Patrick Attard qal li fit-2007 kienu hargu l-permessi mehtiega biex din l-art tinbena. Fit 2009 l-Awtorita tad-Djar applikat biex isir il-bini u f'dan il-kaz il-permess rega inghata. Dan il-permess rega gie mgedded. Is-Sur Matthew Mangion talab biex jaghti spjegazzjoni hu. Huwa qal li l-art originalment kienet tal-knisja bil-*Joint office*. Il-Gvern kien ghadda din l-art b' Legal Notice lill-*Housing Authority* fit 2007. Immedjatament il-Housing Authority applikat ghall-permess u fil-fatt dan kien hareg. Fit-2009 il-Housing Authority kienet geddet il-permess u kien f'dan l-istadju li l-knisja kif ukoll il-Kumitat tas-Swatar kemm precidenti kif ukoll prezenti, permess ta' pettizjoni mir-residenti kienu oggezjonaw ghal-dan l-izvilupp. Fis-7 ta' Frar 2015 rega iltaqgha l-bord tal-MEPA u d-decizjoni originali giet ikkonfermata u l-permess rega iggedded. Huwa zied jghid li hemm 30 gurnata cans biex wiehed jappella minn din id-decizjoni. Il-membri tal-Kumitat tas-Swatar kienu qablu li ghandha titkompla ssir pressjoni biex b'hekk, ghan-nom tar-residenti r-rimedji kollha possibli li jistghu jittiehdu ikunu ezawriti. Biex isir dan l-appell hemm involuta spiza ta' €186. Is-Sur Matthew Mangion qal li hu issa ried jitlob il-Kunsill ta' Birkirkara biex jinghata permess halli dan isir u jekk il-kunsill kienx lest li johrog din l-ispiza. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li wara li kien hareg il-permess

BIRKIRKARA

fit-2007, il-Gvern precidenti kien kontra li jkomplu jinbnew Housing Estates minhabba li dawn kienu qed iziedu l-problemi socjali. Dan kien ir-rizultat ta' studjuli li kien sar mill-Caritas. Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi dokument li juri dan. Is-sur Michael Fenech Adami qal li din kienet policy tal-Gvern precidenti u m'hemm l-ebda dokument.  Barra minhekk peress li din l-art kienet originalment tal-knisja, l-Gvern kellu bzonn permess mill-knisja biex jinbena Housing Estate. Huwa zied jghid li huma kienu qed joggezjonaw ghal dan il-progett peress li din l-art hija l-ahhar bicca fetha li ghad baqa u jekk tinbena ma jkunx baqa bicca hamrija ohra f'din iz-zona. Huwa zied jghid li kull ma kienu talbu kien li d-decizjoni tigi posposta sakhemm isiru t-tahdidiet mal-kunsill. Ic-Chairman tal-bord kien qal li hu ma jistax jipposponi din id-decizjoni. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li hu ma jistax jifhem kif ic-Chairman ma setax jipposponi decizjoni ghax fil-kaz ta l-bieb ta' Fleur-de-Lys id-decizjoni giet posposta kemm il-darba minhabba l-isem ta' dan l-istess bieb.  Huwa zied jghid li l-membri tal-bord kienu arroganti hafna maghhom u sahansitra gew injorati u qabdu u hadu vot. Tajjeb li wiehed jghid li anka waslu biex qalulhom li l-firem li ngabbru mir-residenti kienu kollha ghal xejn u li huma ma kellhom l-ebda obligu li jikkunsultaw mal-kunsilli. Is-Sindku staqsiet x'kienet tghid il- *Local Plan.* Peress li hadd minn dawk prezenti ma kien jaf, hija ssuggerit li wiehed ghandhu jara din x'kienet tghid. Is-Sur Matthew Mangion zied jghid li l-appell seta jsir sas-7 ta' Frar 2015. B' permess tal-kunsill tkellmet ukoll is-Sinjura Mary Rose Mifsud, l-eks chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar. Hija qalet li ma tistax tifhem kif il-perit tal-kunsill kien ghamel pjanta biex jinbena gnien meta kien ga hareg il-permess ghall bini ta' *Housing Estate*. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li hu kien ga spjega li dan ma kienx sar minhabba l-policy ta l-Gvern.  Is-Sur Matthew Mangion kellu jisma mill-kunsill biex jara l-*Local Plan* u jekk hemm bzonn issir oggezzjoni.

4.4 Is-Sur John mizzi staqsa dwar l-Eco Wardens. Huwa qal kif jista wiehed jispjega lir-residenti li qed jintefqu hafna flus fit-tindif u xorta baqa nies li johorgu bil-klieb u jhammgu l-bankini bil-konsegwenza li l-lokalit tidher mitluqa. Is-Sindku qalet li hi ma kienetx kuntenta b'dan is-servizz. Hi ziedet tghid li l-kunsill kellu servizz ta' Eco Wardens ta' tmien sieghat fil-gimgha. Ghandha isir laqgha mal-Eco Wardens biex wiehed jara kif jista jigi imtejjeb dan is-servizz. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li fi zmienu kien johrog rapport ta' kemm inghataw cittazzjonijiet. Meta gie mistoqsi kemm kien jithallas l-kunsill fi zmienu minn dawn ic-cittazzjonijet, huwa spjega li kien hemm zewg sistemi. Wahda l-flus kienu jibqghu hemm u jekk l-kunsill jaghmel xi progett dan kien jista jsir minn dawn il-flus. Is-sistema l-ohra kienet dik ta' *pooling*. B'din is-sistema l-flus kienu jitqassmu kif jidher fl-accounts tal-kunsill. Is-Sindku qalet li l-lum is-sistema inbidlet u li l-flus qed jitqassmu kollha billi jigu trasferiti go kont bankarju miftuh apposta. Dawn il-flus jistghu jintuzaw ghall-progetti biss.

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kunsill – Lista Numru 18 u l-Petty cash

Il-Lista tal-pagamenti numru 18 kienet tqassmet mal-agenda w ttiehdet bhala moqrija. Saret diskussjoni qasira.

5.1 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li hu kien ga staqsa lis-segretarju ghalfejn l-ammonti tal-pagi huma gholjin izjed mis-soltu. Huwa zied jghid li s-segretarju kien spjega li kienet harget Memo fejn tghid li l-pagi ghandhom jitnizzlu bhala total li gie mhallas skont l-iskala tal-impjegati u mhux kif kien isir jabel impjegat impjegat.

Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa min kien is-Sur Joe Gerada. Is-Sindku wiegbet li dan kien haddiem minn tal-IPSL.

5.2 Is-Sur Herbert Conti staqsa rigward numru 44. Is-Sindku spjega li dan kien pagament ghal bins bl-ashtrays li nxtraw biex jitwahhlu quddiem hwienet wara li saru ilmenti minn l-istess sidien tal-hwienet li in-nies kienu qed jarmu karti u skart iehor wara l-bibien tal-hwienet taghhom.

Il-lista tal-pagamenti kif ukoll dik tal-Petty Cash gew approvata mill-membri kolha prezenti u ssekondati mis-Sur Anthony Buttigieg.

## 6 Korrispondenza

6.1 Is-Segretarju qal li hu kien irceva minghand id-dipartiment dokument rigward l-izbilanc finanzjarju, dokument li intbaghat lill kull kunsill li jinsab f'din il-qadgha. Dan id-dokument kien ga intbaghat lill-membri kollha permess ta' e-mail kif ukoll tqassmet kopja waqt din il-laqgha u qed jigi anness ma' dawn il-minuti bhala dok 'A'.

## 7 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.1 Is-Sur John Borg qal li gewwa Triq F.S. Caruana kien sar progett tal-bini mill-privat. Ir-residenti kienu urewh l-ircevuta ta' flus li kien hallas il-kuntrattur li jammontaw ghal madwar €20,000 ghal *Road Reinstatement*. Huwa staqsa minn kien responsabli biex titranga din it-triq. Is-Sindku qalet li hi kienet sejra tkellem lil Transport Malta u kienet sejra tibghat il-perit biex taghmel survey. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li qabel titranga din it-triq ghandha tigi solvuta il-problema tal-gharghar li tezisti f'din it-triq. Il-Kuntrattur kien ghamel *culvert*, pero dan qed jitfa l-ilma fi Triq Dun Perin. Din il-problema tezisti ukoll fi Triq Rigu.

7.2 Is-Sinjura Marie Claire Zammit qalet li kienu kellmuha il-familja Gatt li joqghodu gewwa 'Villa Gatt' hdejn l-oratorju fi Sqaq it-Tigieg dwar tlett garaxxijiet li ghandhom huma f'dan l-isqaq. Dawn il-garaxxijiet kienu mibnija billi gew irtirati lura sabiex ikollhom l-art ta' quddiemhom art privata. Is-sindku qalet li din kienet art publika u meta zebghu il-kliem '*Private Property'* dan kien sar kontra il-ligi ta' Transport Malta. Hija ziedet tghid li kontra l-fehma taghha kienu inghataw permess biex dawn ikunu jistghu jipparkjaw fuq bankina quddiem id-dar taghhom li tinsab f'kantuniera. Barra minn hekk kienu saru *yellow lines* quddiem dawn l-imsemmija garaxxijiet. Hi kellha tirrispondi ghall ittra li kienet irceviet minghand l-avukati ta' din il-familja izda kienet mizmumha milli taghmel dan mis-segretarju peress li dan stqarr li ma kienx zmien opportun li jsir dan minhabba ragunijiet personali li kienet ghaddeja din l-istess familja. Is-Sinjura Marie Claire Zammit qalet li l-ilment kien li xi nies kienu qed jipparkjaw quddiem dawn il-garaxxijiet. Is-Sindku qalet li min kien qed jipparkja kien wiehed bil-hammiem li kull ma kien qed jaghmel kien li jnizzel kaxxa tal-haddiem biex jitlaq il-hammiem. Hija qalet li issa ghandha tirrispondi din l-ittra.

7.3 Is-Sindku qalet li fuq talba tad-dipartiment tikkonferma li l-Performance bonus approvat ghas-snin 2010 u 2011 lis-Segretarju Ezekuttiv kien dak ta' 10%. Dan peress li din ma kienetx cara f'minuti precidenti, Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-kunsilliera kollha u ghaddiet unanimament..

7.4 Is-Sur Matthew Mangion qal li s-Sindku kienet qaltlu biex wara l-ewwel tas-sena iffakarha dwar it-traffic Management li kellu jsir fi Triq It-Torri. Is-Sindku wiegbet li hi kienet sejra tqabbad il-perit biex johrog bil-proposti tieghu u wara dawn l-istess propsti jigu ipprezentati lill-Transport Malta. Dan ghandu jinkludi li ssir il-fetha li taghti ghall-bypass. Is-Sur Matthew Mangion wera x-xewqa li jkun prezenti mal-perit biex ikun jista jghaddi is-suggerimenti tal-kumitat. Is-Sindku qalet li hi ma ssibx oggezzjoni ghal dan.

7.5 Is-Sinjura Marie Claire Zammit qalet li kien dahalha ilment li kif wiehed idur minn Ghar il-Gobon ghal Triq San Giljan vetturi kienu qed jghaddu b'veocita eccessiva. Is-Sindku qalet hemmhekk kien hemm *Sleeping Policeman* li tnehhiet peress li residenta ilmentat li din kienet qed tikkaguna hsejjes u ma kienetx qed thalliha torqod.

7.6 Is-Sur Jimmy Calleja qal li kellu pjacir jghid li kien inhareg il-permess biex il-monument tal-gwerra li kien jisab gewwa l-istazzjon jitwahhal hdejn il-knisja, hdejn il-kennirja. Dan ghandu jsir fi zmien xahar. Huwa zied jghid li dakinhar ghandu jsir it-tberik ta' dan l-istess monument kif ukoll ssir quddiesa. Hu zied jghid li mhux sejjer isir l-ebda festin ghal din l-okkazjoni.

## 8 Kommunikazzjoni mis-Sindku

8.1 Is-Sindku Joanne Debono Grech qalet peress li il-post ta' ambaxxatur tal Vot 16 kien jinsab vakanti, kienet saret talba biex jinhatar ambaxxatur gdid. Persuna wahda biss kienet wriet interess u dan kien is-Sur Roderick Buhagiar. Jekk il-kunsill jaqbel li din il-persuna tigi accettata biex tokkupa dan il-post, setghu jibdew il-proceduri u jimtlew il-formoli neccessarji biex jinhatar ambaxxatur gdid. Ghal dan kien hemm qbil unanimu mill-membri prezenti.

## 9 Gheluq

Il-laqgha spiccat fit-7.50 pm u giet aggornata ghall-nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar 2015 fis-6.30 pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

| | |
|---|---|
| Arthur Pizzuto<br>Segretarju Ezekuttiv | Joanne Debono Grech<br>Sindku |